# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Gunju, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 1525/99mm**

**Raymond Camilleri**

**vs**

**Peter Attard**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u erbgha u disgha u sebghin centezmu (Lm971.79) in linea ta' appogg li l-konvenut ipprattika

ma' propjeta' ta' l-attur fi N/S off Triq Is-Silla, M'Scala; dan skond certifikat mahrug mid-ditta ta' periti Emm. Zammit & Associates.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tas-6 ta' Marzu, 1998, u bl-imghax mill-istess data, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deher, la fil-5 ta' Gunju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.